MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 5/2010

**Jesmond Muscat**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta' April, 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru ra d-decizjoni tad-Direttur tas-6 ta' Marzu 2009 li permezz taghha talab rifuzjoni ta' Ghajnuna ghal Disimpjieg li kienet thallset mid-9 ta' Frar 2008, meta ma kienitx dovuta. Din id-decizjoni ttiehdet wara investigazzjoni li kienet saret. Ra d-dokumenti u sema' l-abbli difensur.
>
> Jidher li kienet inzammet investigazzjoni fil-5 ta' Frar 2008 fejn l-appellant kien instab isuq van,

izda din giet sospiza sabiex jingabru aktar dettalji dwar il-kaz. Saret inspection ohra fit-13 ta' Frar 2009 u din id-darba tkompliet sal-ahhar u r-rizultanzi kienu pjuttost cari.

L-Arbitru sema' kemm lill-appellant kif ukoll lil ibnu li kompla x-xoghol li kien jaghmel missieru qabel korra waqt ix-xoghol. Dan it-tifel ikkonferma li huwa kien ilu jahdem minn seba' xhur qabel. Jigi rilevat li rrizulta li x-xoghol tal-irham, huwa (bhal missieru) kien jigi mghoddi lilu permezz ta' Austin Muscat Marble Works u ma kienx jitqabbad direttament mill-klijent.

Ghalhekk l-Arbitru hu tal-fehma li ghalkemm id-decizjoni li tintalab rifuzjoni kienet korretta u gustifikata, il-perijodu li minnu ghandha tintalab ir-rifuzjoni, ma ghandux ikun mid-9 ta' Frar 2008, izda minn seba' xhur qabel id-data tat-tieni inspection.**”**

Appella minn din is-sentenza r-rikorrenti Jesmond Muscat bl-aggravju illi, koncizament, jikkontesta d-decizjoni ta’ l-Arbitru in bazi ghall-assunt illi hu ma kellux jigi kkundannat jirrifondi ebda rimbors ta’ hlasijiet ricevuti f’beneficcju ghall-Qghad ghaliex ma ngiebetx prova illi hu kien qed jahdem fil-kors tar-recezzjoni ta’ dan il-beneficcju;

Jirrizulta bhala fatt illi l-appellanti korra f’Dicembru 2007 u kellu jieqaf mix-xoghol ta’ *tiler*.  B’ittra tas-6 ta’ Marzu, 2009 d-Direttur appellat baghat javzah biex irodd lura lid-Dipartiment l-ghajnuna ghal Disimpjieg ricevuta ghall-perijodu mid-9 ta’ Frar 2008 sat-13 ta’ Frar, 2009.  Biex wasal ghal din id-decizjoni d-Direttur ippresta affidament lir-rapport investigattiv ta’ l-Ispettorat tal-Frodi;

Fis-sustanza tieghu dan ir-rapport jadduci illi saru zewg spezzjonijiet.  Mill-ewwel spezzjoni tal-5 ta’ Frar, 2008 ma rrizulta xejn fondat.  Fit-tieni wiehed (13 ta’ Frar, 2009)

jinghad mill-Ispetturi illi huma segwew van mizjuq mill-appellanti b'ibnu passiggier, osservawh jghabbi xi rham u mbaghad akkostawh meta beda jhott il-materjal mill-istess van. Huma nnotaw li kien libes hwejjeg tax-xoghol u *safety shoes*. Irrilevaw ukoll illi huwa dubbjuz dak iddikjarat lilhom mill-appellanti illi huwa kien qieghed iwassal lil ibnu fuq il-lant tax-xoghol ghaliex dan ma kellux licenzja. Huma jikkwalifikaw din id-dikjarazzjoni bhala *cover up* u ghalhekk kkonkludew li l-ghajnuna socjali ghandha titwaqqaf u d-Dipartment jirreklama lura l-hlasijiet li saru;

In bazi ghal dan il-materjal istruttorju l-Arbitru ddecieda illi r-rizultanzi naxxenti mit-tieni spjegazzjoni kienu pjuttost cari u ghadda biex ordna r-rifuzjoni tal-hlasiiet tal-ghajnuna prestata izda minn seba' xhur qabel id-data tat-tieni spezzjoni;

Issa din il-Qorti, kif ghandu jirrizulta minn bosta decizjonijiet taghha, minn dejjem tendiet biex thares l-interessi tal-kollettivita` u tal-komunita` in generali u ta' dawk kollha li, fis-socjeta`, igorru fuq spallejhom il-pizijiet tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet socjali fejn il-kaz specifiku hekk kien jissuggerilha b'gustizzja li ghandha taghmel. Ara ad ezempju "**Anthony Chetcuti *et* -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 19 ta' Mejju, 2004 u "**Mary Borg -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 23 ta' Frar, 2005 fost hafna ohrajn. Minn naha l-ohra meta l-fattispeci partikolari nducewha diversament ma qaghdetx lura milli ssostni lill-beneficcjarju tal-ghajnuna socjali. Il-kaz prezenti, fil-hsieb tal-Qorti, hu wiehed minn fost din il-katergorija ta' l-ahhar;

Il-Qorti tistqarr li mhix konvinta illi s-sospett li l-appellanti kien qieghed jahdem jinsab sodisfacentement accertat. Kien facli ghall-Ispettorat ill jirricerka jekk iben l-appellanti kellux effettivament licenzja tas-sewqan u mhux semplicement jikkwerelaw il-qaghda fl-astratt billi jattribwewlha *mis-en-scene* jew *cover up*, kif isejhulha huma. L-Arbitru, imbaghad, kellu quddiemu l-konfessjoni ta' iben l-appellanti illi hu l-licenzja tas-sewqan gabha fil-5

ta’ Ottubru 2009 u mhux fiz-zmien ta’ meta gew kondotti l-ispezzjonijiet. Wiehed lanqas jista’ mbaghad jikkuntenta facilment ruhu illi ghax l-appellanti gie osservat bi hwejjeg tax-xoghol, jew ukoll jghabbi jew ihott l-irham, *ergo,* u *quod erat demonstrandum*, huwa kien qieghed effettivament jahdem. Din il-prova riedet tkun wahda effettiva, konkluziva u, fuq kollox, konkludenti, u din, f’dan il-kaz, hi mankanti.

Ghal motivi premessi din il-Qorti qeghda tilqa’ l-appell, tirrevoka d-decizjoni ta’ l-Arbitru, bl-ispejjez, jibqghu kif konswet, bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------